

## Covid19: €3 biljun f'appoġġ ta' emerġenza għas-sistemi nazzjonali tas-saħħa



▶ **Covid19: €3 biljun f'appoġġ ta' emerġenza għas-sistemi nazzjonali tas-saħħa**  
[https://multimedia.europarl.europa.eu/en/eu-emergency-funds-set-to-support-national-health-systems\\_N01-PUB-200416-EUEF\\_ev](https://multimedia.europarl.europa.eu/en/eu-emergency-funds-set-to-support-national-health-systems_N01-PUB-200416-EUEF_ev)

**Fis-17 ta' April il-Parlament ivvota biex jadotta malajr miżuri ġodda li jimmobilizzaw €3 biljun f'appoġġ immirat għas-sistemi tas-saħħa fir-reġjuni tal-UE l-aktar milquta mill-kriżi corona.**

Is-setturi tas-saħħa tal-Ewropa jinsabu taħt pressjoni estrema minħabba t-tifqigħa tal-Covid19. L-UE qed timmobilizza €3.08 biljun addizzjonali biex tappoġġja s-sistemi nazzjonali tal-kura tas-saħħa fil-ġlieda kontra l-pandemija u tipprovdi servizzi mediċi lill-pazjenti fil-bżonn.

L-inizjattiva sservi biex tikkoordina d-distribuzzjoni tar-riżorsi u l-kooperazzjoni transfruntiera, b'enfasi fuq ir-reġjuni l-aktar milquta. Hija se tgħin fil-bini ta' sptarijiet fuq il-post u tikkoordina u tappoġġja finanzjarjament it-trasportazzjoni tal-pazjenti infettati bil-Corona lejn sptarijiet li għandhom sodod disponibbli. Il-flus se jintużaw ukoll biex b'mod dirett jinxtraw u jġu distribwiti provvisti mediċi bħal respiraturi, tagħmir protettiv u maskri li jistgħu jergħu jintużaw. Huma possibbli azzjonijiet oħra skont il-ħtiġijiet tal-pajjiżi tal-UE.

Fuq medda itwal ta' żmien, il-fondi se jtejbju l-kapaċitajiet tal-ittestjar fil-pajjiżi tal-UE u r-riċerka medika.

Il-fondi jġu minn kull mezz disponibbli li jfdal fil-baġit ta' din is-sena.

- €2.7 biljun se jmorru għall-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza tal-UE
- €380 miljun se jmorru għar-riżerva ta' tagħmir mediku tar-"rescEU"

L-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu wkoll finanzjarjament u ċ-ċittadini jew il-fondazzjonijiet jistgħu jagħmlu donazzjonijiet. Huwa possibbli wkoll li jkun hemm finanzjament kollettiv (crowd-funding).



©Benoit Tessier/Reuters/Adobe Stock

### X'inhu l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza tal-UE?

- għodda maħluqa f'Marzu 2016 li tista' tiġi attivata biex jiġu miġġielda kriżijiet ħorox b'impatt umanitarju sinifikanti fejn l-ebda strument ieħor ma jkun biżżejjed
- jippermetti l-assistenza immedjata tal-UE
- jippromwovi l-komplementarjetà għall-azzjonijiet tal-Istati Membri milquta u s-sinerġiji ma' azzjonijiet iffinanzjati taħt fondi u strumenti oħra tal-UE
- attivat diġà biex jgħin fl-indirizzar tal-influss tar-rifuġjati fil-Greċja
- il-KE tipproponi li jiġi attivat għal sentejn biex jgħin fl-emerġenza tal-coronavirus

Task force esperta se timmonitorja l-iżviluppi li għaddejjin f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali tas-saħħa, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-NGOs. L-operazzjonijiet

se jibdedw hekk kif il-Parlament u l-Kunsill jagħtu l-approvazzjoni tagħhom.

## X'inhi resceEU?

- Riżerva Ewropea, maħluqa f'Marzu 2019, bħala parti mill-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili tal-UE, biex tgħin meta r-riżorsi tal-Istati Membri ma jkunux biżżejjed
- inizjalment kienet tinkludi flotta ta' ajruplani tat-tifi tan-nar u ħelikopters. Wara l-Covid19, hija ħażnet ammont ta' tagħmir mediku, bħal ventilaturi u maskri protettivi, biex tgħin lill-pajjiżi b'nuqqas tagħhom

## Aktar informazzjoni

[Dokumenti dwar l-attivazzjoni tal-istrument għall-appoġġ ta' emerġenza \(ESI\)](#)

[L-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza għas-settur tal-kura tas-saħħa – mistoqsijiet u tweġibiet](#)

[Stqarrija għall-istampa tal-KE: Il-Coronavirus: il-Kummissjoni timmobilizza r-riżorsi kollha tagħha biex tiproteġi l-ħajjiet u l-għajxien \(2 ta' April 2020\)](#)